



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.6.2018
COM(2018) 399 final

2018/0221 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-preżentazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' proposta għall-emendar tal-Annessi 2 u 3 tal-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi (AEWA).

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. Il-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi

Il-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi (AEWA) huwa ddedikat għall-konservazzjoni ta' għasafar tal-ilma migratorji u l-ħabitats tagħhom tul l-Afrika, l-Ewropa, il-Lvant Nofsani, l-Asja Ċentrali, Greenland u l-Arċipelagu Kanadiż.

Żviluppat skont il-qafas tal-Konvenzjoni dwar l-Ispeċijiet Migratorji (CMS) u amministrat mill-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP), l-AEWA jiġbor flimkien pajjiżi u l-komunità internazzjonali usa' ta' konservazzjoni bi sforz lejn l-istabbiliment ta' konservazzjoni koordinata u amministrazzjoni tal-għasafar tal-ilma migratorji matul il-medda migratorja kollha tagħhom.

Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1999. L-Unjoni Ewropea ilha Parti Kontraenti għal dan il-Ftehim mill-1 ta' Ottubru 2005¹. Bħalissa hemm 77 Parti Kontraenti, 41 mill-Ewrasja (inkluża l-UE) u 36 mill-Afrika.

Id-Direttiva 2009/147/KE dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (id-Direttiva dwar l-Għasafar)² timplimenta l-impenji stabbiliti fil-Ftehim fil-liġi tal-Unjoni. Id-Direttiva dwar l-Għasafar titratta l-konservazzjoni tal-ispeċijiet kollha tal-għasafar li jinsabu fin-natura fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri li għalihom japplika t-Trattat. Tkopri l-protezzjoni, l-amministrazzjoni u l-kontroll ta' dawn l-ispeċijiet u tistabbilixxi regoli għall-isfruttar tagħhom.

1.2. Il-Laqgħa tal-Partijiet

Il-Laqgħa tal-Partijiet (MOP) hija l-korp deċiżjonali prinċipali għal dan il-Ftehim. Hija għandha s-setgħat li tirrevedi l-Annessi tal-Ftehim u tiltaqa' kull tliet snin.

Is-seba' Laqgħa tal-Partijiet tal-Ftehim se ssir mill-4 sat-8 ta' Diċembru 2018, fl-Afrika t'Isfel.

Skont l-Artikolu X, il-paragrafi 2 u 3 tal-Ftehim, kwalunkwe proposta għall-emendar tal-Annessi tal-Ftehim, jenħtieġ li tiġi kkomunikata lis-Segretarjat mhux anqas minn 150 jum qabel il-bidu ta' sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet, jiġifieri s-7 ta' Lulju 2018.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/871/KE tat-18 ta' Lulju 2005 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi. ĠU L 345, 8.12.2006, p. 24.

² ĠU L 20 tal-26.01.2010, p. 7

<https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2010:020:0007:0025:MT:PDF>

1.3. Il-proposti mill-Kroazja u mill-Italja

Il-Kroazja u l-Italja pproponew li l-Unjoni Ewropea tippreżenta proposta għall-emendar tal-Anness 2 tal-Ftehim, li jelenka l-ispeċijiet li għalihom japplika l-Ftehim, billi jiżdied il-Margun tat-Toppu (*Phalacrocorax aristotelis*) mal-Anness 2.

Il-Kroazja u l-Italja pproponew ukoll li l-Unjoni Ewropea tippreżenta proposta għall-emendar tal-Anness 3 tal-Ftehim, bl-elenkar tal-popolazzjoni mhux tal-UE (il-Baħar ta' Barents) tal-*Phalacrocorax aristotelis aristotelis* u tal-popolazzjoni tal-UE (il-Lvant tal-Mediterran — il-Kroazja, il-Baħar Adrijatiku) tal-*Phalacrocorax aristotelis desmarestii* fil-Kolonna A tat-Tabella 1 tal-Anness 3 (fil-kategoriji 2³ u 1c⁴, rispettivament).

Ir-raġunijiet għal din il-proposta huma dawn li ġejjin:

Il-familja *Phalacrocoracidae* (il-Marguni) diġà hija inkluża fl-Anness 2 tal-Ftehim. Abbażi tal-istatus ta' migrazzjoni tagħhom, sitta minn tmien speċijiet ta' tnissil fi ħdan l-ambitu ġeografiku tal-Ftehim huma elenkati fl-Anness 2. Iż-żewġ speċijiet li mhumex elenkati huma l-Margun tat-Toppu *Phalacrocorax aristotelis* u l-Margun ta' Denbu Twil *Phalacrocorax africanus*.

Il-Margun tat-Toppu jgħix fil-kosta Atlantika tal-Ewropa u tat-Tramuntana tal-Afrika, mill-Marokk sat-Tramuntana tan-Norveġja u l-peniżola ta' Kola, inkluża l-Iżlanda, kif ukoll fil-Mediterran u partijiet mill-kosta tal-Baħar l-Iswed (del Hoyo et al. 1992) Huma magħrufa tliet subspeċijiet: *Ph. a. aristotelis* fl-Atlantiku, *Ph. a. desmarestii* fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed u *Ph. a. riggenbachi* mill-Marokk. B'mod ġenerali, din l-ispeċi hija sedentarja jew dispersiva, iżda xi popolazzjonijiet huma tassew migratorji: il-popolazzjonijiet tat-tramuntana l-aktar imbiegħda tal-*Ph. a. aristotelis* min-Norveġja u mir-Russja u l-popolazzjoni Adrijatika tal-*Ph. a. desmarestii*.

Il-popolazzjoni globali kienet stamata għal 100,000 par fl-1990s u għal madwar 75,000-81,000 par fl-2004 (BirdLife International 2004). L-ispeċi hija kklassifikata mill-IUCN bħala Tħassib Minuri (Birdlife 2015). Ix-xejra globali qed tonqos, għalkemm xi popolazzjonijiet jistgħu jkunu stabbli (Wetlands International 2006). Ġew irreġistrati varjazzjonijiet kbar fid-daqs tal-popolazzjoni. Pereżempju, il-popolazzjoni fir-Renju Unit uriet żieda ta' 21 % bejn l-1969 u l-1987, minn 31,600 par fl-1969–1970 għal 47,300 par fl-1985–1987, segwit minn tnaqqis ta' 27 % fl-1998–2002, bi tnaqqis ulterjuri ta' 26 % fl-2011 (Balmer et al. 2013). Fin-Norveġja l-popolazzjoni wkoll turi varjazzjonijiet kbar. Il-popolazzjoni migratorja tat-Tramuntana l-aktar imbiegħda fil-Baħar Barents naqset minn 10,000 par fl-1980 għal madwar 1,000 fl-1994, iżda żdiedet mill-ġdid għal 5,000 par fl-2013 (Fauchald et al. 2015).

Is-subspeċi *Ph. a. desmarestii* hija stmata li tgħodd 8,700-11,126 par riproduttiv (Bazin u Imbert 2012). Fl-2006, il-popolazzjoni kienet stmata għal madwar l-10,000 tajra (Culioli 2006). Tnaqqis fil-popolazzjoni kien irreġistrat f'Korsika fejn il-popolazzjoni ta' madwar

³ Skont it-Tabella 1 tal-Anness 3 tal-Ftehim, il-Kategorija 2 tinkludi numerazzjoni ta' Popolazzjonijiet li jammontaw għal bejn l-10,000 u l-25,000 tajra.

⁴ Skont it-Tabella 1 tal-Anness 3 tal-Ftehim, il-Kategorija 1 tinkludi: (a) Speċijiet, li huma inklużi fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċijiet Migratorji ta' Annimali Selvaġġi; (b) Speċijiet, li huma elenkati bħala mhedda fuq il-Lista Ħamra tal-IUCN tal-Ispeċijiet Mhedda, kif irrapportat fis-sommarju l-aktar riċenti tal-BirdLife International; jew (c) Popolazzjonijiet, li jammontaw għal inqas minn madwar l-10 000 tajra.

1000 par li qabel kienet stabbli fl-1975-1983 naqset bi > 50 % sa c. 375 par sal-1994, u wara rkuprat (Dubois *et al.* 2008).

Is-subspeċi *Ph. a. desmarestii* hija protetta fil-parti Ewropea tal-medda u qiegħda fuq il-lista ħamra ta' bosta pajjiżi, pereżempju: hija kklassifikat bħala "Vulnerabbli" fil-Bulgarija, u bħala "Fil-periklu" fl-Albanija. *Ph. a. aristotelis* hija protetta f'parti tal-medda (UK). Dan l-aħħar ġiet ikklassifikata mill-ġdid mil-lista l-Ambra għal-lista l-Ħamra fir-Renju Unit (Eaton *et al.* 2015) u qiegħda fuq il-lista l-Ħamra fir-Russja minħabba d-daqs żgħir tal-popolazzjoni. Minħabba tnaqqis fil-popolazzjoni ta' 15-30 % fuq medda ta' 10 snin l-ispeċi tikkwalifika għall-kategorija "Kważi Mhedda" fin-Norveġja (Korneev *et al.* 2015).

Velando and Freire (2002) jenfasizzaw li konservazzjoni effettiva tal-*P. a. desmarestii* jenħtieġ li tgħaddi mill-protezzjoni tas-siti tat-tniissil kif ukoll miż-żoni tal-ikel u tal-irqad, u mir-regolamentazzjoni ta' żoni tas-sajd demersali fiż-żoni tal-ikel. Skont Velando u Freire (2002), l-Azzjonijiet ta' Konservazzjoni proposti minn Birdlife fl-2015 huma 1) l-identifikazzjoni ta' siti importanti fuq il-baħar għal din l-ispeċi; 2) id-deżinjazzjoni sussegwenti bħala Żoni Protetti tal-Baħar; 3) il-ġestjoni ta' siti tat-tniissil u tal-irqad fix-xitwa, inkluż l-eradikazzjoni ta' predaturi invażivi; 4) il-programmi ta' monitoraġġ abbord bastimenti tas-sajd li jiddeterminaw żoni b'riskju għoli għal qabdiet inċidentali bl-għażel; 5) fejn rilevanti l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni u ta' protezzjoni.

1.4. Il-proposti mil-Lussemburgu

Il-Lussemburgu ppropona li jċaqlaq il-popolazzjonijiet kollha ta' dawn it-tliet speċijiet lejn il-Kolonna A tat-Tabella 1 tal-Anness 3 tal-Ftehim: Il-Beggazzina Hamra⁵ (*Calidris ferruginea*), il-Purċinell tal-Baħar⁶ (*Fratercula arctica*) u l-Mus tal-Baħar⁷ (*Alca torda*). Filwaqt li l-Lussemburgu ma pproponiex xi kategorija speċifika għal dawn it-tliet speċijiet, skont il-kriterji stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness 3 tal-Ftehim, il-Beggazzina Ħamra (*Calidris ferruginea*) u l-Mus tal-Baħar (*Alca torda*) jikkwalifikaw għall-kategorija 4⁸ u l-Purċinell tal-Baħar tal-Atlantiku (*Fratercula arctica*) jikkwalifika għall-kategorija 1b⁹.

⁵ It-tabella 1 tal-Anness 3 tal-Ftehim bħalissa telenka żewġ popolazzjonijiet ta' *Calidris ferruginea*: il-popolazzjoni fis-Siberja tal-Punent/l-Afrika tal-Punent, elenkati fil-kolonna B, il-kategorija 2c, u l-popolazzjoni tas-Siberja Ċentrali/il-Lbiċ tal-Asja, l-Afrika tal-Lvant u t'Isfel, elenkata fil-kolonna B, il-kategorija 2c.

⁶ It-tabella 1 tal-Anness 3 tal-Ftehim fil-preżent telenka tliet popolazzjonijiet ta' *Fratercula arctica*: il-popolazzjoni fil-bajja ta' Hudson u fil-Lvant ta' Maine san-Nofsinhar ta' Greenland, fl-Iżlanda, fil-Gżira Bear, fin-Norveġja san-Nofsinhar ta' Novaya Zemlya, elenkata fil-kolonna C, il-popolazzjoni tal-Grigal tal-Kanada, tat-Tramuntana ta' Greenland, sa Jan Mayen, Svalbard, it-Tramuntana ta' Novaya Zemlya, elenkata fil-kolonna A, il-kategorija 3a, u l-popolazzjoni fil-Gżejjer Faeroe, fin-Nofsinhar tan-Norveġja u fl-Iżvezja, fil-Gran Brittanja, fl-Irlanda, fil-Majjistral ta' Franza, elenkata fil-kolonna C.

⁷ It-tabella 1 tal-Anness 3 tal-Ftehim bħalissa telenka żewġ popolazzjonijiet ta' *Alca torda*: il-popolazzjoni ta' *Alca torda torda* fil-Lvant tal-Amerka ta' Fuq, fil-Greenland, fil-Lvant sal-Baltiku u l-Ibħra Bojod, elenkata fil-kolonna C, u l-popolazzjoni ta' *Alca torda islandica* fl-Iżlanda, fil-Gżejjer Faeroe, fil-Gran Brittanja, fl-Irlanda, Helgoland, fil-Majjistral ta' Franza, elenkata fil-kolonna C.

⁸ Skont it-Tabella 1 tal-Anness 3 tal-Ftehim, il-Kategorija 4 tinkludi speċijiet, li huma elenkati bħala Kważi Mhedda fuq il-Lista Ħamra tal-IUCN tal-Ispeċijiet mhedda, kif irrapportat fl-aktar sommarju riċenti tal-BirdLife International, iżda li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet fir-rigward tal-Kategoriji 1, 2 jew 3 u li huma pertinenti għal azzjoni internazzjonali.

⁹ Ara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 4 hawn fuq.

Il-proposta mil-Lussemburgu tirreferi għar-Riżoluzzjoni 6.1 tal-AEWA MOP6¹⁰ li rrikonixxiet l-elenkar riċenti globali fuq il-Lista Ħamra tal-Edredun Komuni (*Somateria mollissima*), tal-Papra Komuni (*Aythya ferina*), tal-Blonġun tal-Widnejn (*Podiceps auritus*), tal-Gallina tal-Baħar Ewroasjatika (*Haematopus ostralegus*), tal-Venewwa tat-Tramuntana (*Vanellus vanellus*), tal-Girwiel Denbu bl-Istrixxi (*Limosa lapponica*), tar-Red Knot (*Calidris canutus*), tal-Beggazzina Ħamra (*Calidris ferruginea*), tal-Gawwi tal-Armenja (*Larus armenicus*), tal-Purċinell tal-Baħar tal-Atlantiku (*Fratercula arctica*) u tal-Mus tal-Baħar (*Alca torda*), u nnutaw l-importanza li jiġu kkunsidrati l-implikazzjoni ta' dawn il-bidliet fil-listi għal MOP7.

1.5. L-analiżi tal-proposti

L-emendi għall-Annessi 2 u 3 proposti mill-Kroazja, l-Italja u l-Lussemburgu ser jissoġġettaw il-popolazzjonijiet kollha tal-Margun tat-Toppu (*Phalacrocorax aristotelis*), tal-Beggazzina Ħamra (*Calidris ferruginea*), tal-Purċinell tal-Baħar tal-Atlantiku (*Fratercula arctica*) u tal-Mus tal-Baħar (*Alca torda*) għar-rekwiżit tal-Anness 3, it-Taqsima 2.1.1 tal-Ftehim, li jistabbilixxi l-miżuri legali tal-konservazzjoni tal-ispeċijiet li huma applikabbli għal popolazzjonijiet ta' speċijiet elenkati fil-Kolonna A tat-Tabella 1 tal-Anness 3. B'mod partikolari, il-Partijiet iridu jipprovdu protezzjoni għal daww il-popolazzjonijiet elenkati fil-Kolonna A tat-Tabella 1 skont l-Artikolu III, il-paragrafu 2(a), tal-Ftehim. B'mod partikolari dawn il-Partijiet, suġġett għall-paragrafu 2.1.3 hawn taħt, jenħtieġ li:

(a) jipprojbixxu l-qbid tal-għasafar u l-bajd ta' daww il-popolazzjonijiet li jinstabu fit-territorju tagħhom;

(b) jipprojbixxu d-disturb intenzjonat safejn dan id-disturb ikun sinifikanti għall-konservazzjoni tal-popolazzjoni kkonċernata; u

(c) jipprojbixxu l-pussess jew l-użu ta', u l-kummerċ fi, għasafar jew bajd ta' daww il-popolazzjonijiet li jkunu ttieħdu bi ksur tal-projbizzjonijiet stabbiliti skont is-subparagrafu (a) hawn fuq, kif ukoll il-pussess jew l-użu ta', u l-kummerċ fi, ta' kwalunkwe parti jew derivazzjoni faċilment rikonoxxibbli ta' dawn l-għasafar u l-bajd tagħhom.

B'eċċezzjoni ta' daww il-popolazzjonijiet elenkati fl-Kategoriji 2 u 3 fil-Kolonna A u li huma mmarkati b'asterisk, u daww il-popolazzjonijiet elenkati fil-Kategorija 4 fil-Kolonna A, il-kaċċa tista' tkompli ssir abbażi ta' użu sostenibbli¹¹. Dan l-użu sostenibbli għandu jitwettaq fi ħdan il-qafas ta' pjan ta' azzjoni internazzjonali tal-ispeċijiet, li permezz tiegħu l-Partijiet se jagħmlu hilitom biex jimplimentaw il-prinċipji ta' ġestjoni adattiva tal-ħsad¹². Użu bħal dan mill-inqas għandu jkun suġġett għall-istess miżuri legali bħal daww dwar il-qbid tal-għasafar minn popolazzjonijiet elenkati fil-Kolonna B tat-Tabella 1, kif meħtieġ fil-paragrafu 2.1.2.

¹⁰ UNEP/AEWA/MOP6/Res. 6.1 - <http://www.unep-aewa.org/en/document/adoption-amendments-aewa-annexes-2>

¹¹ "Użu sostenibbli" tfisser l-użu ta' komponenti tad-diversità bijoloġika b'mod u b'rata li ma jwasslux għal tnaqqis fuq perjodu ta' żmien twil tad-diversità bijoloġika, u b'hekk dan iżomm il-potenzjal tiegħu biex jissodisfa l-bżonnijiet u l-aspirazzjonijiet tal-ġenerazzjonijiet preżenti u tal-ġejjieni.

¹² Il-ġestjoni adattiva tal-ħsad hija l-proċess perijodiku tal-issettar tar-regolamenti tal-kaċċa abbażi ta' sistema ta' monitoraġġ tal-popolazzjoni u tal-ħabitat, tal-irrekordjar tal-livell tal-ħsad, tal-analiżi tad-data u tad-definizzjoni tal-għażliet regolatorji.

Il-proposta Italo-Kroata kif ukoll il-proposti Lussemburgiżi huma ġustifikati b'mod tajjeb. Huma kompatibbli mal-liġi tal-UE u komplementari għaliha, b'mod partikolari mad-Direttiva dwar l-Għasafar.

Wara l-konsultazzjoni bil-miktub tal-Grupp ta' Esperti tad-Direttivi dwar in-Natura (NADEG), il-Kummissjoni tipproponi li l-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa l-proposti ta' hawn fuq minħabba li huma bbażati fuq ix-xjenza u f'konformità mal-impenn li ħadet l-Unjoni fil-kooperazzjoni internazzjonali għall-protezzjoni tal-bijodiversità. Il-proposti għall-emendar mhux se jeħtieġu bdil fil-liġi eżistenti tal-Unjoni.

Kwalunkwe proposta għall-emendar tal-Annessi tal-Ftehim, jenħtieġ li tiġi kkomunikata lis-Segretarjat tal-Ftehim mhux anqas minn 150 jum qabel il-ftuħ tas-sessjoni (cf. l-Artikolu X, il-paragrafi 2 u 3 tal-Ftehim), jiġifieri s-7 ta' Lulju 2018.

Għalhekk, hemm bżonn li l-Kunsill jieħu deċiżjoni b'urġenza dwar il-preżentazzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-proposta msemmija hawn fuq lis-Segretarjat tal-Ftehim. Dan jikkostitwixxi l-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni għall-fini tal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-preżentazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' proposta għall-emendar tal-Annessi 2 u 3 tal-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi (AEWA).

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi ('il-Ftehim') ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/871/KE¹ u daħal fis-seħħ fil-1 ta' Ottubru 2005. L-għan tal-Ftehim huwa l-konservazzjoni tal-għasafar tal-ilma migratorji u l-habitats tagħhom tul l-Afrika, l-Ewropa, il-Lvant Nofsani, l-Asja Ċentrali, il-Greenland u l-Arċipelagu Kanadiż.
- (2) Bħala Parti għall-Ftehim, l-Unjoni tista' tagħmel proposti għall-emendar tal-Annessi tal-Ftehim. L-Anness 2 jinkludi l-ispeċijiet tal-għasafar tal-ilma li japplika għalihom il-Ftehim. L-Anness 3 jinkludi l-Pjan ta' Azzjoni, li jispeċifika l-azzjonijiet li l-Partijiet għandhom iwettqu fir-rigward ta' speċijiet ta' prijorità, bħalma huma l-konservazzjoni tal-ispeċi, il-konservazzjoni tal-habitats, il-ġestjoni tal-attivitajiet tal-bniedem, ir-riċerka u l-monitoraġġ, l-educazzjoni u l-informazzjoni, u l-implimentazzjoni, b'mod konsistenti mal-miżuri ta' konservazzjoni ġenerali speċifikati fl-Artikolu III tal-Ftehim.
- (3) Il-Kroazja u l-Italja pproponew li l-Unjoni Ewropea tippreżenta proposta għall-emendar tal-Anness 2 tal-Ftehim, billi jiżdied il-Margun tat-Toppu (*Phalacrocorax aristotelis*).
- (4) Il-Kroazja u l-Italja pproponew ukoll li l-Unjoni Ewropea tippreżenta proposta għall-emendar tal-Anness 3 tal-Ftehim, bl-ejenkar tal-popolazzjoni mhux tal-UE (il-Baħar ta' Barents) tal-*Phalacrocorax aristotelis aristotelis* u tal-popolazzjoni tal-UE (il-Lvant tal-Mediterran – il-Kroazja, il-Baħar Adrijatiku) tal-*Phalacrocorax aristotelis*.

¹ ĠU L 345, 8.12.2006, p. 24.

desmarestii fil-Kolonna A tat-Tabella 1 ta' dak l-Anness (fil-kategoriji 2² u 1c³, rispettivamente).

- (5) Il-Lussemburgu ppropona li jċaqlaq il-popolazzjonijiet kollha ta' dawn it-tliet speċijiet lejn il-Kolonna A tat-Tabella 1 tal-Anness 3 tal-Ftehim: Il-Beggazzina Hamra⁴ (*Calidris ferruginea*), il-Purċinell tal-Baħar⁵ (*Fratercula arctica*) u l-Mus tal-Baħar⁶ (*Alca torda*). Filwaqt li l-Lussemburgu ma pproponiex xi kategorija speċifika għal dawn it-tliet speċijiet, skont il-kriterji stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness 3 tal-Ftehim, il-Beggazzina Ħamra (*Calidris ferruginea*) u l-Mus tal-Baħar (*Alca torda*) jikkwalifikaw għal kategorija 4⁷ u l-Purċinell tal-Baħar tal-Atlantiku (*Fratercula arctica*) jikkwalifika għall-kategorija 1b⁸.
- (6) L-emendi għall-Annessi 2 u 3 proposti mill-Kroazja, l-Italja u l-Lussemburgu ser jissoġġettaw il-popolazzjonijiet kollha tal-Margun tat-Toppu (*Phalacrocorax aristotelis*), tal-Beggazzina Ħamra (*Calidris ferruginea*), tal-Purċinell tal-Baħar tal-Atlantiku (*Fratercula arctica*) u tal-Mus tal-Baħar (*Alca torda*) għar-rekwiżit tal-Anness 3, it-Taqsima 2.1.1 tal-Ftehim, li jistabbilixxi l-miżuri legal tal-konservazzjoni tal-ispeċijiet li huma applikabbli għal popolazzjonijiet ta' speċijiet elenkati fil-Kolonna A tat-Tabella 1 tal-Anness 3. B'mod partikolari, għal popolazzjonijiet elenkati fil-Kolonna A tat-Tabella 1, il-Partijiet għall-Ftehim jridu jipprojbixxu l-qbid tal-għasafar u tal-bajd ta' daww il-popolazzjonijiet li jinstabu fit-territorju tagħhom u jipprojbixxu d-disturb intenzjonat sa fejn dan id-disturb ikun sinifikanti għall-konservazzjoni tal-popolazzjoni kkonċernata. B'eċċezzjoni ta' daww il-popolazzjonijiet elenkati fil-Kategoriji 2 u 3 fil-Kolonna A u li huma mmarkati b'asterisk, u daww il-popolazzjonijiet elenkati fil-Kategorija 4 fil-Kolonna A, il-kaċċa

² Skont it-Tabella 1 tal-Anness 3 tal-Ftehim, il-Kategorija 2 tinkludi numerazzjoni ta' Popolazzjonijiet li jammontaw għal bejn 1-10,000 u 1-25,000 tajra.

³ Skont it-Tabella 1 tal-Anness 3 tal-Ftehim, il-Kategorija 1 tinkludi: (a) Speċijiet, li huma inklużi fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċijiet Migratorji ta' Annimali Selvaġġi; (b) Speċijiet, li huma elenkati bħala mhedda fuq il-Lista Ħamra tal-IUCN tal-Ispeċijiet Mhedda, kif irrapportat fis-sommarju l-aktar riċenti tal-BirdLife International; jew (c) Popolazzjonijiet, li jammontaw għal inqas minn madwar 1-10 000 tajra.

⁴ It-tabella 1 tal-Anness 3 tal-Ftehim bħalissa telenka żewġ popolazzjonijiet ta' *Caladirs ferruginea*: il-popolazzjoni fis-Siberja tal-Punent/l-Afrika tal-Punent, elenkati fil-kolonna B, il-kategorija 2c, u l-popolazzjoni tas-Siberja Ċentrali/il-Lbiċ tal-Asja, l-Afrika tal-Lvant u t'Isfel, elenkata fil-kolonna B, il-kategorija 2c.

⁵ It-tabella 1 tal-Anness 3 tal-Ftehim fil-preżent telenka tliet popolazzjonijiet ta' *Fratercula arctica*: il-popolazzjoni fil-bajja ta' Hudson u fil-Lvant ta' Maine san-Nofsinhar ta' Greenland, fl-Iżlanda, fil-Gżira Bear, fin-Norveġja san-Nofsinhar ta' Novaya Zemlya, elenkata fil-kolonna C, il-popolazzjoni tal-Grigal tal-Kanada, tat-Tramuntana ta' Greenland, sa Jan Mayen, Svalbard, tat-Tramuntana ta' Novaya Zemlya, elenkata fil-kolonna A, il-kategorija 3a, u l-popolazzjoni fil-Gżejjer Faeroe, fin-Nofsinhar tan-Norveġja u fl-Iżvezja, fil-Gran Brittanja, fl-Irlanda, fil-Majjistral ta' Franza, elenkata fil-kolonna C.

⁶ It-tabella 1 tal-Anness 3 tal-Ftehim bħalissa telenka żewġ popolazzjonijiet ta' *Alca torda*: il-popolazzjoni ta' *Alca torda torda* fil-Lvant tal-Amerka ta' Fuq, il-Greenland, il-Lvant sal-Baltiku u l-Ibħra Bojod, elenkata fil-kolonna C, u l-popolazzjoni ta' *Alca torda islandica* fl-Iżlanda, il-Gżejjer Faeroe, il-Gran Brittanja, l-Irlanda, Helgoland, il-Majjistral ta' Franza, elenkata fil-kolonna C.

⁷ Skont it-Tabella 1 tal-Anness 3 tal-Ftehim, il-Kategorija 4 tinkludi speċijiet, li huma elenkati bħala Kważi Mhedda fuq il-Lista Ħamra tal-IUCN tal-Ispeċijiet mhedda, kif irrapportat fl-aktar sommarju riċenti tal-BirdLife International, iżda li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet fir-rigward tal-Kategoriji 1, 2 jew 3 u li huma pertinenti għal azzjoni internazzjonali.

⁸ Ara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 15 hawn fuq.

tista' tkompli ssir abbażi ta' użu sostenibbli⁹. Dan l-użu sostenibbli jrid jitwettaq fi ħdan il-qafas tad-dispożizzjonijiet speċjali ta' pjan ta' azzjoni internazzjonali tal-ispeċijiet, li permezz tiegħu l-Partijiet se jagħmlu hilitom biex jimplimentaw il-prinċipji ta' ġestjoni adattiva tal-ħsad¹⁰.

- (7) Il-proposta Italo-Kroata u kif ukoll dawk Lussemburgiżi huma ġustifikati b'mod tajjeb. Dawn huma kompatibbli ma' u jikkomplementaw il-liġi tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Direttiva 2009/147/KE¹¹.
- (8) Il-proposti huma bbażati fuq ix-xjenza, f'konformità mal-impenn li ħadet l-Unjoni fil-kooperazzjoni internazzjonali għall-protezzjoni tal-bijodiversità.
- (9) L-ispeċijiet huma diġà koperti bid-Direttiva 2009/147/KE dwar il-konservazzjoni tal-ġhasafar selvaġġi u l-Margun tat-Toppu (*Phalacrocorax aristotelis*) huwa elenkat ukoll fl-Anness I ta' dik id-Direttiva. Għalhekk, l-emendi proposti ma jeħtiġux bidliet fil-liġi tal-Unjoni.
- (10) Għaldaqstant, l-Unjoni jenħtieġ li tippreżenta dawk il-proposti lis-Segretarjat tal-Ftehim, fid-dawl tas-seba' Laqgħa tal-Partijiet, li se ssir mill-4 sat-8 ta' Diċembru 2018 fl-Afrika t'Isfel,
- (11)

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Unjoni għandha tippreżenta l-proposti li ġejjin għall-emendar tal-Annessi 2 u 3 tal-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Ġhasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi:
 - (a) Iż-żieda tal-Margun tat-Toppu (*Phalacrocorax aristotelis*) fl-Anness 2 tal-Ftehim.
 - (b) L-ejenkar tal-popolazzjoni mhux tal-UE (il-Baħar ta' Barents) tal-*Phalacrocorax aristotelis aristotelis* u tal-popolazzjoni tal-UE (il-Lvant tal-Mediterran – il-Kroazja, il-Baħar Adrijatiku) tal-*Phalacrocorax aristotelis desmarestii* fil-Kolonna A tat-Tabella 1 tal-Anness 3 (fil-kategoriji 2 u 1c, rispettivament).
 - (c) Iċ-ċaqliq tal-popolazzjonijiet kollha tal-Begazzina Ħamra (*Calidris ferruginea*), tal-Purċinell tal-Baħar tal-Atlantiku (*Fratercula arctica*) u tal-Mus

⁹ "Użu sostenibbli" tfisser l-użu ta' komponenti tad-diversità bijoloġika b'mod u b'rata li ma jwasslux għal tnaqqis fuq perjodu ta' żmien twil tad-diversità bijoloġika, u b'hekk dan iżomm il-potenzjal tiegħu biex jissodisfa l-bżonnijiet u l-aspirazzjonijiet tal-ġenerazzjonijiet preżenti u tal-ġejjieni.

¹⁰ Il-ġestjoni adattiva tal-ħsad hija l-proċess perjodiku tal-issettjar tar-regolamenti tal-kaċċa abbażi ta' sistema ta' monitoraġġ tal-popolazzjoni u tal-ħabitat, tal-irrekordjar tal-livell tal-ħsad, tal-analiżi tad-data u tad-definizzjoni tal-għażliet regolatorji.

¹¹ ĠU L 20 tas-26.01.2010, p. 7.

tal-Baħar (*Alca torda*) lejn il-Kolonna A tat-Tabella 1 tal-Anness 3 tal-Ftehim (il-kategoriji 4, 1b u 4, rispettivament).

2. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-proposta f'isem l-Unjoni lis-Segretarjat tal-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President